MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' April, 2012

Numru. 7/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Bernard Charles Spiteri]**

**vs**

**Roxanne Callus**

**Kumpilazzjoni Numru: 7/2011**

**Illum 23 ta’ April 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Roxanne Callus ta’ 22 sena, bint Carmel u Suzanne nee’ Cremona, imwielda Pieta’ fit-30 ta’ Mejju 1988, residenti Hampiton Court, Block B 1, Triq l-Artirlieri, Marsascala u detentrici bil-karta tal-identita numru 277788(M).

Akkuzata talli fis-6 ta’ Dicembru 2010 f’ xi hin bejn it-8:00am u l-4:00pm waqt li kienet qeghda fl-kumpless ta’ Big Bon Stores li jinsab fi Triq Naxxar Birkirkara u fil-vicinanzi volontarjament hasret jew gharqet hwejjeg haddiehor ghad-dannu tal-kumpanija Carant Trading Limited, liema hsara teccedi l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69c).

Rat l-artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti principali ta’ dan il-kaz jirrizultaw ampjament u fil-verita ftit li xejn hawn kontestazzjoni dwarhom. L-imputata kienet impjegata mal-Big Ben Group bhala salesgirl pero fil-perjodu ta’l-incident in ezami kienet tat avviz tar-rizenja mill-impjieg u fil-fatt kienet f’l-ahhar granet ta’ impjieg. Bhala parti minn xogholha f’dawk l-ahhar granet ta’ impjieg l-imputata kienet qed taghmel xoghol f’l-istores u b’mod partikolari kienet qed taghmel bar codes fil-hwejjeg qabel ma dawn jitqassmu fil-hwienet ghall-bejgh. Dan il-process kien jinvolvi li l-imputata, permezz ta’ xafra, taghmel ticrita zghira fil-packing tal-plastic ta’ kull oggett biex ikollha access ghal-label ta’ dak l-oggett biex tehel il-barcode fuq il-label.

Illi jirrizulta li fil-gurnata in ezami hadmet fuq zewg tipi ta’ gkieket. Meta dawn tqassmu fil-hwienet u tpoggew ghall-bejgh irrizulta li kien hemm numru mhux hazin minnhom li kellhom mhsara fis-sens li kien hemm ticrieta ukoll fil-gakketta innifisha. Malli ndunaw x’kien gara d-dirigenti tas-socjeta Carant Trading Lmited qabdu u ghamlu rapport mal-pulizija li da parti taghha bdiet tinvestiga dan il-kaz; ma jidhirx li d-dirigenti ta’ Carant Trading Limited iddiskutew din il-kwistjoni ma’l-imputata biex jaraw

maghha x’setgha gara biex saret dik il-hsara. Mill-provi jirrizulta ukoll li l-imputata kienet irrizenjat mill-impjieg taghha mhux ghaliex kien hemm xi kwistjonijiet bejnha u bejn xi hadd mid-dirigenti tas-socjeta li kienet tahdem maghhom imma ghaliex il-hinijiet tax-xoghol ma kienux adegwati ghac-cirkostanzi godda tal-hajja personali taghha. In oltre ma jirrizultax li tul l-impjieg taghha qatt kien hemm xi divergenzi jew disgwid mad-dirigenti; jirrizulta li kien hemm zmien meta kien hemm xi problemi dwar il-performance taghha pero dan kien zmien qabel u kien gie rizolt permezz tat-caqliq minn stabbiliment ghall-iehor.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata hija dik ta’ hsara volontarja.

Illi mill-assjem tal-provi ma jidhirx li hemm dubbju li l-hsara li saret fl-gkieket in ezami saret mill-imputata; il-kwistjoni li trid tigi rizolta hija jekk dik il-hsara saret volontarjament jew le, cioe jekk hija kellhiex l-intenzjoni li b’eghmilha tgharraq hwejjeg haddiehor.

Illi fil-fehma tal-Qorti mill-provi prodotti din l-intenzjoni ma gietx pruvata u dan anke wara li l-Qorti kellha l-opportunita tara lill-imputata fir-recording li gie prezentat mill-prosekuzzjoni u li juriha qed taghmel ix-xoghol li fil-kors tieghu saret il-hsara. Il-Qorti hija konvinta li dak li wassal biex giet ikkawzata il-hsara kien traskuragni u nuqqas ta’ attenzjoni b’mod li l-imputata ghandha tinstab hatja ta’ hsara involontarja ai termini ta’l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata u l-fedina penali penali taghha li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputata hatja skond l-imputazzjoni migjuba kontra taghha, minflok issibha hatja tar-reat minuri, kompriz u involut fir-reat lilha imputat, u cioe ta’ hsara involontarja ai termini ta’ l-artikolu

328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------